# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION
## ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Lulju 2024**

**Numru 1**

**Rikors Numru 985/2010/1 FDP**

**Giovanna Antida *sive* Antida Gauci**
**v.**
**Graziabelle Faye Cassar, Anthony Cassar, Mary Lourdes Cassar, Kummissarju tal-Artijiet u fl-4 ta' Mejju 2018, l-atti ġew assunti mill-Awtorità tal-Artijiet; Direttur Ġenerali - Dipartiment Proprjetà tal-Gvern; Direttur Ġenerali - Dipartiment tad-Disinn u Implimentazzjoni**

**Il-Qorti:**

**Fatti**

1. L-inċident li ta lok għal din il-kawża seħħ fit-12 ta' Settembru 2008.

2. Dakinhar kienet lejla sajfija. L-attriċi Giovanna Antida *sive* Antida Gauci kienet qiegħda bilqiegħda fuq bankina pubblika fil-Belt Valletta faċċata tal-baħar fil-Port il-Kbir, ħdejn *boathouse*, utilizzata mill-ġenituri tagħha li kienu jinstabu ħdejha, u nies oħra jippassiġġaw.

3. Sadanittant, il-konvenuta Graziabelle Faye Cassar, li kellha ftit iktar minn 17-il sena, kellha '*date*' ma' ġuvni li jismu Luke Caruana. Poġġew bilqiegħdha fuq iċ-ċint tas-sur ta' Barbara Bastions, li taħthom kien hemm il-*boathouse* msemmija. Graziabelle tlewmet ma' Luke li telaq minn fuq il-post. Waddbet il-mobajl tagħha minn fuq is-sur għal isfel, li spiċċa fejn kien hemm in-nies jippassiġġaw għalkemm ma ntlaqat ħadd. Ftit mumenti wara, poġġiet fuq xifer is-sur u wara ftit tal-ħin, għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħaxija, qabżet għal isfel.

4. Hija ġiet eżattament fuq l-attriċi li kienet bilqiegħda fuq il-bankina quddiem il-*boathouse*. B'konsegwenza ta' dan l-impatt, l-attriċi damet rikoverata l-isptar għal ġranet twal, u saħansitra anke wara żmien ta' fiżjoterapija, ma bdietx tagħmel progress u tilfet il-movimenti ta' ġisimha, b'mod li kellha ssir dipendenti fuq ħaddieħor anke għall-bżonnijiet bażiċi ta' kuljum. Qatt ma reġgħet irkuprat il-mobilità tagħha.

5. Il-fatti li wasslu għall-azzjoni ta' Graziabelle żvolġew kif ġej:

6. Graziabelle bdiet tmur għall-kura għand il-psikjatra David Cassar fis-sena 2008; bejn wieħed u ieħor f'April, wara li ħadet *overdose* ta' mediċina. Kellha sittax-il sena. Fit-30 ta' Ġunju 2008 telgħet fuq il-bejt u qalet li kellha ħsibijiet li taqbeż minn fuqu.

7. Skont ma xehdet *viva voce* Mary Lourdes Cassar, li tiġi omm Graziabelle, bintha kellha dipressjoni għaliex m'għaddietx mill-eżamijiet. Anthony Cassar, missier Graziabelle, xehed bil-mezz tal-affidavit li kellha dipressjoni minħabba li kienet ġiet *bullied* minħabba persuntha u għax kellha n-nuċċali u m'għaddietx għas-Sixth Form. Graziabelle tat l-istess verżjoni lill-espert tal-Qorti.

8. Dr David Cassar daħħalha fl-isptar Monte Carmeli għall-kura.

9. Irriżulta li Graziabelle kellha problema ta' personalità ta' xorta li jissejjaħ *borderline* ta' tip impulsiv. Skont Dr David Cassar, din hija ħaġa relattivament komuni; hawn ħafna nies li jkollhom din il-kwalità ta' preżentazzjoni. Il-prassi hi li kemm jista' jkun ma jiddaħħlux l-isptar għaliex hemmhekk is-sitwazzjoni tagħhom issir iżjed kronika. Fl-Ingilterra, il-prassi hi li ma jiddaħħlux l-Isptar. F'Malta jiddaħħlu l-isptar imma l-prassi hi li kemm jista' jkun ma jiddewmux hemm. Dan sabiex ma jitilfux l-indipendenza, biex jieħdu l-messaġġ li fl-aħħar mill-aħħar

huma responsabbli tagħhom infushom. Dawn ikunu nies sensittivi ħafna li jekk toħnoqhom ikollhom it-tendenza li jiddeterjoraw; għalhekk irid jinstab bilanċ.

10. Fuq mistoqsijiet minn Dr Joseph Cassar, il-psikjatra maħtur mill-Ewwel Qorti bħala espert mediku, Graziabelle qaltlu li waqt li kienet l-isptar Monte Carmeli qatt ma kellha esperjenza ta' alluċinazzjonijiet, paranoja jew xi sintomi ta' psikożi. F'ħajjitha qatt m'abbużat minn sustanzi u tixrob l-alkoħol soċjalment. Sikret darbtejn. Dakinhar tal-inċident hi u l-*boyfriend* ma kienu xorbu xejn. Qaltlu li qatt m'għamlet *deliberate self-harm* qabel l-inċident. Meta ħadet l-*overdose*, taħseb li għamlet hekk "biex nidħol qisni f'*hibernation*".

11. Dr David Cassar xehed li Graziabelle kellha "problemi ta' personalita`" u mhux "diżordni ta' personalita`". Kien għadu kmieni wisq biex wieħed jiddeċiedi li kellha diżordni ta' personalità għaliex ta' dik l-età jkun hemm it-tama li l-persuna tibqa' ġejja 'l quddiem. Bil-kura, ħafna pazjenti jiġu ħafna aħjar jew jgħaddilhom. Il-mediċini inaqqsu l-istress imma ma jfejjqux.[1]

12. L-espert ġudizzjarju fir-rapport tiegħu ikkonkluda li:

> *Is-sinjorina Graziabelle Faye Cassar magħrufa minn karta tal-identità 0384591M tbati minn kundizzjoni serja ta' saħħa mentali magħrufa bħala Borderline Personality Disorder (skont id-Diagnostic and*

[1] Fol. 426.

*Statistical Manual tal-American Psychiatric Association DSM-5). Id-definizzjoni ta' din il-kundizzjoni hija: a pervasive pattern of instability of interpersonal relationships, self-image and affects, and marked impulsivity, beginning in early adulthood and present in a variety of contexts, as indicated by five (or more) of the following:*

- *Frantic efforts to avoid real or imagined abondonment.*

- *A pattern of unstable and intense interpersonal relationships characterised by alternation between extremes of idealisation and devaluation.*

- *Identity disturbance markedly and persistently unstable self-image or sense of self.*

- *Impulsivity in at least two areas that are potentially self-damaging (eg. substance abuse, binge eating, and reckless driving).*

- *Recurrent suicidal behaviour, gestures or threats, or self-mutilating behaviour .*

- *Affective instability due to a marked reactivity of mood (eg. Intense episodic dysphoria, irritability or anxiety usually lasting a few hours and only rarely more than a few days).*

- *Chronic feelings of emptiness.*

- *Inappropriate intense anger or difficulty controlling anger (eg/ frequent displays of temper, contant anger, recurrent physical fights).*

- *Transient, stress related paranoid ideation or severe dissociative symptoms.*

- *Il-kundizzjoni ta' Borderline Personality Disorder u l-impulsività, l-ansjeta` u l-effetti affettivi ta' dipressjoni bi ħsibijiet suwiċidali ivarjaw skont l-istess perċepit mill-pazjent f'dan il-każ is-sinjorina Graziabelle Faye Cassar .*

13. L-istess espert irrapporta li Graziabelle waqt is-seduti quddiemu kienet tilbes propizju u dejjem marret fil-ħin. Kienet anzjuża ħafna u fit-tieni laqgħa eżatt wara qabadha attakk qawwi ta' paniku u spiċċat iċ-ċentru tas-saħħa tal-Mosta. Id-diskors tagħha kien koerenti; il-proċess ta' ħsieb normali u l-kontenut kien mingħajr alluċinazzjonijiet jew

delużjonijiet. Għalkemm esprimiet dwejjaq kbar ma kellhiex xewqat suwiċidali. Il-livell konjittiv kien normali.[2]

14. Skont Dr David Cassar, il-ġenituri kienu responsabbli, *caring* ħafna, ma kinux abbandunaw lil binthom jew kienu jagħtuha mill-agħar. Kienu jattendu kull meta kienet l-isptar; kull meta kien ikun hemm *ward round*; kull meta bdiet tingħata l-*leave* mill-isptar. Fil-*ward rounds*, it-tobba jiltaqgħu mal-ġenituri, jispjegawlhom is-sitwazzjoni u jagħtuhom l-appoġġ għaliex il-ġenituri wkoll ikunu għaddejjin minn żmien iebes ħafna. Il-ġenituri ta' Graziabelle dejjem attendew għall-*ward rounds*, "mhux bl-għaġġla u ejja ħa mmorru, imma kienu jagħtu kasna… Għalina huwa ta' pjaċir meta inti jkollok ġenituri li qed jaħdmu miegħek".[3] Din l-imġieba tal-ġenituri ġiet ukoll ikkonfermata mill-espert tal-Qorti.[4]

15. Fl-10 ta' Lulju 2008, wara li kienet ilha l-isptar ħdax-il ġurnata, bdiet tingħata *leave* mill-isptar. *Leave* jfisser li l-persuna tkun għadha pazjenta tal-isptar imma tintbagħat tgħix id-dar, torqod id-dar. L-ewwel ingħatat ġimgħa *leave*. Instabet mhux ħażin u għalhekk ingħatat ħmistax-il jum *leave* oħra. Marret mhux ħażin u għalhekk ingħatat tliet ġimgħat *leave*. B'kollox ingħatat sitt ġimgħat *leave*. Billi rriżulta li kienet stabbli, fil-5 ta' Settembru 2008 ġiet *discharged* u ngħatat appuntament fl-*outpatients* għal ħmistax-il jum wara biex tibqa' tiġi segwita mit-tobba

[2] Fol. 283.
[3] Fol. 426.
[4] Fol. 295.

tal-isptar.

16. Ikkontroeżaminat, Dr David Cassar xehed li ma qabdux u rrilaxxjawha mill-isptar imma "*we tested her in real life* billi bgħatniha u erġajna bgħatniha u erġana bgħatniha". Mistoqsi x'parir kien ta lill-ġenituri qal li jkun kellimhom biex irabbu ftit qoxra sabiex jaffaċċjaw is-sitwazzjoni, li tkun waħda diffiċli anke għalihom. Inkontroeżami ġie mistoqsi wkoll:

> "**Dr. Katya Mercieca:** Ok iġifieri l-fatt li kienet barra… fid-disgħa ta' billejl waħidha barra tissoċjalizza kienet xi ħaġa li… ma tajtux parir kontriha, ngħid sew?
>
> **Dr. David Cassar:** Kienet *discharged* iġifieri aħna min-naħa tagħna ħassejna li ttestjajniha biżżejjed… li wara sitt ġimgħat stajna niddisċarġjawha."

17. Iktar tard fl-istess kontroeżami, mistoqsi jekk il-ġenituri kinux jafu li kienet iġġieldet ma' xi *boyfriend* qabel l-inċident, Dr David Cassar wieġeb li ma setax jirrispondi f'isem il-ġenituri, u kompla jgħid hekk:

> "Ħa nitkellem b'mod ġenerali. Jekk persuna toħnoqha wisq, dik il-persuna ħa tirreaġixxi iżjed b'mod diffiċli emm… li tfajla ta' sittax-il sena ngħidilha isma' ma jistax ikollox *boyfriend* emm… anke għax kienet l-isptar ħaditha kontra tiegħi aħseb u ara kieku kelli ngħidilha ma jistax ikollox *boyfriend*…[5]"

18. L-espert tal-Qorti wkoll ikkonferma li kien tajjeb għal Graziabelle li titħalla tissoċjalizza u li l-kura restrittiva bħal li tiġi rikoverata Mount Carmel ma kinitx waħda tajba.[6]

[5] Fol. 430.
[6] Fol. 295.

19. Anthony Cassar xehed hekk bil-mezz tal-affidavit:

> "Konna ħadiha għand il-psikjatra Dr. David Cassar. Dan kien żammha għal perjodu taħt osservazzjoni, u anke meta kienet id-dar kien għamel żmien jgħidilna biex nieħdu ħsiebha. Eventwalment pero` kienet fieqet biżżejjed, tant li Dr. Cassar tana parir biex inħalluha toħroġ waħedha għaliex kienet fieqet u kellha bżonn toħroġ mingħajrna l-ġenituri. Filfatt kienet tajba u anke kienet ħarġet ma' ġuvni.[7]"

20. Anthony Cassar xehed *viva voce* fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2014. Qal li:

> "… aħna qatt ma morna magħha pero` nafu li kienet toħroġ ma' ħbieb tagħha. Mistoqsi x'tip ta' nies kienu dawn il-ħbieb ngħid li dawn kienu kollegi tagħha tal-iskola fejn kienet tmur is-St. Monica School ta' Fleur di Lys. Lil dawn it-tfal jiena ma kontx nafhom. Mistoqsi x'kienet tagħmel meta toħroġ ngħid illi ma nafx. Li kont inkun naf hu li hi kienet tmur sal-Belt u tas-Sliema u dan nafu għax kont niġborha jiena wara li toħroġ fil-maġġorparti tagħha. Wara dan l-inċident ma kienx hemm inċidenti simili.[8]"

21. Mary Lourdes Cassar ukoll xehdet li Dr David Cassar irrikmanda li bintha tiġi nkoraġġita toħroġ għaliex kien tajjeb għal saħħitha. Qalet li bintha dakinhar tal-inċident kienet qiegħda tieħu l-pilloli preskritti mit-tabib. Lil sħabha kienet tafhom minn wiċċhom. Graziabelle ma kinitx tgħidilha b'kollox. Dakinhar tal-inċident ma kinitx taf li ħierġa ma' ġuvni. Ma tafx x'jismu.[9] Wara li ħarġet minn Mount Carmel qatt ma kienet suwiċidali.[10]

---

[7] Affidavit a fol 411.
[8] Fol 265.
[9] Fol. 266.
[10] Fol 285.

22. Il-konvenut Anthony Cassar xehed li dakinhar tal-inċident "ma ndunajtx li kien hemm xejn abnormali li seta' kellha".[11] Mistoqsi dwar dan il-kumment, l-espert tal-Qorti Dr Joseph Cassar wieġeb li l-ġenituri mhumiex psikjatri u "allura l-kejl ta' kemm wieħed mhux tajjeb jew le hu differenti minn dak xjentifiku".[12]

23. Kien jaf li bintu kienet ħierġa ma' ġuvni u ma ra xejn ħażin f'dan. Kienu ħarġu kmieni. Hu kien jinsisti magħha li meta toħroġ tirritorna mhux iktar tard mill-għaxra ta' filgħaxija. Biex jaċċerta ruħu minn dan, mar bil-karozza ħdejn Kastilja fl-għaxra nieqes kwart akkumpanjat minn martu u ibnu. Dak il-ħin ċempel lil Graziabelle biex jgħidilha li sar il-ħin u weġbitu *"give me time".* F'dan il-punt induna li kien hemm xi ħaġa ħażina.

24. L-espert tal-Qorti kkonkluda li fil-ħin tal-inċident Graziabelle kienet impulsiva u ma kinitx qed tagħraf il-konsegwenzi ta' għemilha.

25. Wara l-inċident, il-konvenuta ddaħħlet għall-kura Mater Dei, imbagħad reġgħet iddaħħlet l-isptar Mount Carmel għal sbatax-il jum. Wara dan il-perjodu, bdiet tingħata l-*leave* u fl-4 ta' Diċembru 2009 ġiet *discharged* għal kollox.[13]

---

[11] Fol 284.
[12] Fol. 295.
[13] Fol. 428.

26. L-attriċi fetħet din il-kawża kontra Graziabelle, il-ġenituri tagħha, il-Kummissarju tal-Artijiet, id-Direttur Ġenerali – Dipartiment Proprjetà tal-Gvern u d-Direttur Ġenerali – Dipartiment tad-Disinn u Implimentazzjoni.

27. L-attriċi talbet lill-Qorti:

> "1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati, jew min minnhom, huma responsabbli għall-inċident illi seħħ nhar it-12 ta' Settembru 2008 u dan minħabba negliġenza, traskuraġni u imperizja attribwibbli esklussivament lill-istess intimati jew min minnhom;
>
> 2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikorrenti soffriet danni inklużi korriment, debilita' u inkapaċita' permanenti u dan bħala riżultat u konsegwenza diretta tan-negliġenza ta' l-intimati jew min minnhom;
>
> 3. Tillikwida okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, id-danni kollha sofferti mir-rikorrenti konsegwenza ta' l-istess inċident;
>
> 4. Tordna lir-rikorrenti jew min minnhom jinstab responsabbli għall-inċident, iħallas id-danni hekk likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti.
>
> Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-14 ta' Jannar 2010 u l-ittra uffiċjali tal-24 ta' Awiisu 2010 kontra l-intimati illi huma minn issa nġunti għas-subizzjoni."

29. Il-ġenituri Anthony Cassar u Mary Lourdes Cassar eċċepew illi:

> "1. Mingħajr preġudizzju għal kull kunsiderazzjoni rigward il-mertu, in kwantu rivolti kontra l-eċċipjenti, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi, u dan stante li huma ma huma responsabbli b'ebda mod għal dak li ġara, kuntrarjament għal dak allegat mill-attriċi, u dejjem aġixxew bir-responsabilita' mistennija minnhom skond il-Liġi.
>
> 2. Konsegwentement, l-eċċepjenti m'għandhomx jiġu kkundannati jħallsu ebda somma in linea ta' danni lill-attriċi."

**Sentenza**

30. B'sentenza tat-13 ta' Lulju 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma sabet l-ebda responsabbiltà fid-Diretturi konvenuti u laqgħet it-talbiet fil-konfront tal-konvenuti l-oħrajn kif ġej:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u **tiddikjara** li l-intimata Graziabelle Faye Cassar hija responsabbli għall-akkudat li seħħ fit-12 ta' Settembru 2008, u l-intimati Anthony Cassar u Mary Lourdes Cassar huma wkoll responsabbli kif indikat aktar 'il fuq f'din is-sentenza, u dan minħabba negliġenza u imperizja, fejn Graziabelle Faye Cassar għandha terfa' sittin fil-mija (60%) tar-responsabbilta' filwaqt illi l-konjuġi Anthony u Mary Lourdes Cassar għandhom jerfgħu erbgħin fil-mija (40%) tar-responsabbilta'.

(2) Tilqa' t-tieni talba u **tiddikjara** li l-attriċi sofriet danni inkluż korriment u debilità permanenti bħala r-riżultat u konsegwenza diretta tan-negliġenza tal-intimati, Graziabelle Faye Cassar u Anthony Cassar u Mary Lourdes Cassar.

(3) Tilqa' t-tielet talba u **tillikwida** d-danni kollha sofferti konsegwenza ta' l-imsemmi akkadut fl-ammont ta' mija u disgħin elf Ewro (€ 190,000.00).

(4) Tilqa' r-raba' talba u **tordna** li l-intimati Graziabelle Faye Cassar, Anthony Cassar u Mary Lourdes Cassar iħallsu d-danni likwidati fl-ammont ta' mija u disgħin elf Ewro (€190,000.00), fejn Graziabelle Faye Cassar għandha tagħmel tajjeb għal sittin fil-mija (60%) tad-danni filwaqt illi l-konjuġi Anthony u Mary Lourdes Cassar għandhom jagħmlu tajjeb għal erbgħin fil-mija (40%) tad-danni hekk likwidati.

Imgħax dekoribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv."

31. Dwar ir-responsabbilta` tal-ġenituri, l-Ewwel Qorti rraġunat hekk:

"102. Meta seħħ l-akkadut mertu ta' dan il-każ, l-intimata Graziabelle Faye Cassar kienet għadha ma għalqitx it-tmintax il sena, l-eta` tagħha kienet ta' sbatax-il sena.

103. Għal dak li hi responsabbilta`, **l-Artikolu 1034 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi:

> "Kull min jieħu ħsieb ta' wieħed minuri jew ta' maġġuri, hu obbligat għall-ħsara li jagħmel il-minuri jew il-miġnun meta huwa ma jkunx ħa ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jiġrix."

104. Hemm ġurisprudenza li tgħid li l-artikolu 1034 tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi preżunzjoni ta' ħtija, u sta lil min hu milqut minnha li jipprova li huwa ma setax jimpedixxi il-fatt dannuż tal-minuri. F'dan is-sens tista' pereżempju ssir referenza għal kawża fl-ismijiet **Salvatore Debono vs Antonio Camilleri** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 1953 (Vol XXXVII.ii.730) fejn intqal:

> Illi l-konvenut bħala missier tal-minuri li kkommettew il-pretiż serq, bis-saħħa tad-dispożizzjoni fuq ċitata isir responsabbli personalment.

105. Kif jinnota **Giorgi,** '*la responsabilita` del fatto altrui non e che una responsabbilta` del fatto mproprio fondato sulla culpa presunta.......*" Veru li, skond il-prinċipji ordinarji, il-ħtija għandha tiġi ppruvata u m'għandhiex tiġi preżunta, iżda f'din il-materja l-leġislatur id-deroga għax dak il-prinċipji u stabbilixxa preżunzjoni ta' ħtija min ikollu jieħu ħsieb l-inkapaċi, sakemm ma jippruvax li hu adopera il-viġilanza ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt dannuż ma jiġrix.

106. Id-dottrina u l-ġurisprudenza Taljana u Franċiża li jikkummentaw dispożizzjonijiet analogi għall-artikolu 1077 fuq ċitat, fejn huma unanimi dwar din l-interpretazzjoni (**Ricci,** Diritto civile, VI, 91 u **Laurent** Diritto Civile, XX564).

107. Konferma hija wkoll il-ġurisprudenza tagħna bħalma huma l-kawżi deċiżi mill-istess Qorti fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Cutajar** deċiża fid-19 ta' Jannar 1956 (Vol XL.ii.695), **Paolo Abela vs Antonio Bonnici et** nomine deċiża fit-23 ta' Jannar 1958 (Vol. XLII.ii.868), u **Nicola Magro vs Geraldo Zammit pr. et nomine** deċiża fid-29 ta' April 1960 (Vol. LX.ii.604).

108. F'dan is-sens ukoll kienet id-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil- kawża **Carmelo Calleja vs John Gauci** deċiża fil-21 ta' Jannar 1948 (Vol. XXXIII.iii.183) inkwantu ġie dikjarat li:

> *"fl-assenza ta' provi mill-parti tal-konvenut li huwa adopera ruħu li jivviġila it-tfal tiegħu, li kienu taħt idejh, bħala bonus pater familias sabiex jipprevjeni u jilqa' l-fatt in kwistjoni, l-istess għandu jkun skond il-preżunzjoni legali, ritenut responsabbli."*

(Ara wkoll f'dan is-sens, il-każ **Carmel sive Charles Micallef St. John et vs Richard Spiteri et** deċiża fil-15 ta' Jannar 2002; u **Fleur Debono vs Shanylee Reed et** (111/2016) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fid-19 ta' Ottubru 2018).

109. Ladarba jirriżulta mix-xhieda tal-psikjatra Dr. David Cassar, tal-24 ta' Novembru 2020, li meta l-intimata Graziabelle Faye Cassar kienet rikoverata fl-isptar Monte Carmeli, il-ġenituri tal-intimata kienu a

konoxxenza tal-problemi tat-tifla tagħhom, peress li kienu ġew jakkumpanjawha fil-visti meta kienet qed tiġi segwita, joħroġ ċar li l-ġenituri kienu jafu bil-kundizzjoni mentali severa ta' binthom.

110. Għalhekk, in vista tal-fatt li binthom kienet għadha taħt l-età, kellhom l-obbligu li jsegwu lil binthom adegwatament u b'responsabbiltà ta' bonus paterfamilias.

111. Il-Qorti tifhem illi għall-konjuġi Cassar, il-kundizzjoni medika tat-tifla tagħhom, Graziabelle, hija waħda li ċertament ġġib niket u dwejjaq fil-ħajja tagħhom, u ċertament jixtiequ li jaraw li t-tifla tagħhom toħroġ mill-problemi illi għandha u tkun tista' tgħix ħajja normali, kif kull ġenitur ikun irid jara lit-tfal tagħhom jagħmlu.

112. Madanakollu, f'dawn iċ-ċirkostanzi, konsiderando illi l-konjuġi Cassar kienu ben a konoxxenza tal-problemi psikiċi tat-tifla tagħhom, il-Qorti tqis li huma, bħala l-ġenituri tal-intimata Graziabelle Faye Cassar għandhom iġorru parti mir-responsabbiltà għall-akkadut, u dan minħabba li jidher ċar li l-fatt li ħallewha toħroġ mingħajr ebda superviżjoni u kontroll hija indikazzjoni li huma naqsu mill-obbligi tagħhom ta' ħarsien ta' minuri fdata fil-kustodja tagħhom bil-livell ta' diliġenza stabbilita mil-liġi.

113. Fid-dawl tas-suespost, tqis ir-responsabbilta` tal-ġenituri bħala erbgħin fil-mija (40%) filwaqt li r-rimanenti responsabbilta` ta' sittin fil-mija (60%) hija ta' l-intimata Graziabelle Faye Cassar."

**Id-doljanza**

32. Graziabelle m'appellatx mis-sentenza u għalhekk fil-konfront tagħha s-sentenza tal-Ewwel Qorti tikkostitwixxi ġudikat. Il-ġenituri tagħha appellaw bl-aggravji kemm fuq ir-responsabbiltà li l-Ewwel Qorti addossat fuqhom kif ukoll dwar il-likwidazzjoni tad-danni.

33. Dwar ir-responsabbiltà, l-appellanti ma jaqblux mal-Ewwel Qorti fejn sabet li:

"(1) Bħala liġi, l-ġenituri huma preżunti responsabbli għall-aġir tal-minuri sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju.

> (2) Bħala fatt, naqsu mill-obbligi tagħhom ta' ħarsien tal-minuri għaliex ma messhomx ħallewha toħroġ mingħajr superviżjoni u kontroll. L-Ewwel Qorti ma ssemmi xejn kif l-appellanti naqsu li jimxu fuq dak li qalulhom it-tobba; jew kif, ġaladarba obdew lit-tobba, naqsu mill-obbligi tagħhom ta' ġenituri. Lanqas uriet x'nuqqas tagħhom wassal għall-inċident u kif setgħu evitawh."

**Dwar l-ewwel aggravju:**

34. Huwa prinċipju ġenerali li wieħed jirrispondi għal għemilu, u mhux għal għemil ta' ħaddieħor.

35. F'soċjetajiet patrijarkali, fejn il-missier kellu podesta sħiħa fuq il-minorenni, kien hemm eċċezzjoni għal din ir-regola. Il-*paterfamilias* kellu responsabbiltà indiretta fis-sens li kien responsabbli għall-fatt tal-minuri **mingħajr il-possibilità li jeżonera ruħu**. Ma kienx responsabbli għall-ommissjoni tiegħu nnifsu talli naqas li jivviġila, imma sempliċiment kien iwieġeb għall-għemil tal-minuri. Dan ta lok għall-mudell riġidu li jġib lill-ġenituri f'responsabbiltà fidejussorja tal-minuri u għalhekk kienu awtomatikament jagħmlu tajjeb għall-ħsara kkawżata mill-minuri. Baqgħu sal-lum fi gradi differenti traċċi ta' dan il-mudell riġidu fil-pajjiżi tal-Ewropa kontinentali. Hekk skont Para 6-169 tal-Kodiċi Ċivili Olandiż, ġenitur ta' tifel jew tifla taħt l-14-il sena jwieġeb għall-għemil tiegħu jew tagħha fejn *"but for the child's age (it) could be imputed to him as an unlawful act"*.[14]

[14] Martin-Casals, Children in Tort Law Part I: Children as Tortfeasors (2006).

36. Il-mudell riġidu ġie mrattab ftit iktar permezz tal-Kodiċi ta' Napuljun u l-kodiċijiet l-oħrajn li segwewh inkluż il-Kodiċi Ċivili Taljan tal-1865 u dak tal-1942.

37. Skont l-Art. 1384 antik tal-Kodiċi Ċivili Franċiż (illum Art. 1242):

> *"On est responsable non seulement du dommage que l'on cause par son propre fait, mais encore de celui qui est cause par les faits des personnes dont on doit repondre...*
>
> *Le pere et la mere, en tant qu'ils exercent l'autorite parentale, sont solidairement responsables du dommage cause par lors enfants mineurs habitant avec eux.*
> *...*
> *La responsabilite au dessus a lieu,* ***a moins que les pere et mere... ne prouvent qu'ils n'ont pu empecher le fait*** *qui donne lieu a cette responsabilite."*

38. Billi t-tort huwa personali, wieħed għandu jirrispondi biss għal għemilu. Għalkemm l-Art. 1384 jidher li jidderoga minn dan il-prinċipju, fil-fatt ma jagħmilx hekk. Billi l-ġenituri jkunu obbligati jmexxu u jissorveljaw l-azzjonijiet ta' wliedhom, jekk dawn jikkommettu dannu, il-leġislatur jissupponi li l-fatt li l-ulied ikkawżaw il-ħsara seħħ minħabba n-nuqqas ta' sorveljanza, u allura minħabba t-tort ta' min għandu jissorvelja. Huwa kważi-delitt li ġej min-negliġenza tal-ġenitur.

39. Fil-Kodiċi Ċivili Franċiż**, din in-negliġenza hija preżunta**. Dan jgħidu t-test innifsu tal-Kodiċi Ċivili Franċiż. Hija preżunzjoni legali relattiva *(juris tantum*) u mhux assoluta (*juris et de jure*). Għalhekk il-

preżunzjoni taqa' **jekk il-ġenituri jippruvaw li ma jkunux setgħu jżommu l-fatt milli jseħħ.**

40. Din hija regola importanti ħafna, għaliex **tfisser l-inverżjoni tal-piż tal-prova**. Kull ma jkollha ħtieġa tagħmel il-vittma huwa li tipprova d-dannu u li dan ġie kkawżat mill-minorenni. Imbagħad sta għall-ġenituri li jġibu prova li ma setgħux iżommu l-fatt milli jseħħ. Prova li spiss tkun waħda ferm diffiċli.

41. Bħal-liġi Franċiża, il-liġi Taljana wkoll **espressament** titfa' l-piż tal-prova fuq il-ġenitur li għandu l-piż li jipprova li ma setax jimpedixxi l-fatt tal-minorenni li tiegħu huwa responsabbli (Art. 2048 tal-Kodiċi Ċivili Taljan tal-1942). Preżunzjoni li anke l-Kodiċi Ċivili Taljan tal-1865 kien jipprovdi għaliha espressament. Tassew li l-ġurisprudenza tagħna ġeneralment taddotta wkoll din il-preżunzjoni.[15] B'danakollu, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza Superjuri tagħha daħlet *funditus* f'dan il-punt u wara li ċċitat il-liġi u d-dottrina Taljana, ikkonkludiet li:

> "Jidher li mhuwiex floku li jingħad li fil-każ tagħna teżisti preżunzjoni *iuris tantum* ta' ħtija u pjuttost jidher li jrid ikun hemm prova li l-ġenitur kien ittraskura d-dover tiegħu li jieħu ħsieb lil ibnu.[16] "

[15] L-iktar riċenti hija sentenza ta' din il-Qorti in re: Fleur Debonov v Shanylee Reed 15.11.2023.
[16] Joseph Borg v. Peter Paul Grech 25.01.2008 (Maġ. (illum Imħ.) Anthony Ellul) Ċitazz Nru 153/1988/1. Iċċitata mill-appellanti.

42. Il-liġi Maltija titbiegħed ftit iktar mill-mudel riġidu billi fiha **m'hemmx din il-preżunzjoni kontra l-ġenitur.**

43. Il-liġi tagħna ssib ħtija – li trid tiġi ppruvata mill-vittma – jekk il-ġenituri jonqsu milli jieħdu ħsieb **sal-livell ta' missier tajjeb tal-familja** li l-fatt illeċitu ma jitwettaqx mill-minuri. Hu prinċipju legali li ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, minħabba nuqqas ta' prudenza jew diliġenza fi grad akbar (Art; 1032(2) tal-Kodiċi Ċivili) minn dak tal-*bonus paterfamilias*. Għalhekk strettament ma kienx hemm għalfejn il-liġi tispeċifika espressament dan il-grad ta' diliġenza fl-Art. 1034, ħlief biex tenfasizza li mhemmx għalfejn ikun hemm sorveljanza kontinwa.

44. Kull preżunzjoni hija ta' interpretazzjoni stretta. Huwa prinċipju ġuridiku li **m'hemm l-ebda preżunzjoni legali mingħajr ma tkun imniżżla fil-kelma tal-liġi** u li l-preżunzjonijiet maħluqin mil-liġi ma jistgħux jiġu applikati b'analoġija. Ġaladarba l-preżunzjoni tal-ħtija għall-fatt tal-ulied mhix imniżżla fil-liġi tagħna, ifisser li jekk tiġi applikata din il-preżunzjoni tkun qiegħda tintefa' ħtija fuq xi ħadd li jista' ma jkollux tort, mingħajr ma jkun hemm prova li jkollu tort; wieħed jibda jippreżumi l-ħtija, biex imbagħad isib lil persuna responsabbli għal ħsara li hija ma tkunx għamlet.[17] Dan imur kontra l-liġi u kontra l-morali.[18]

---

[17] Francois Laurent, Principes de Droit Civil (1878) Vol 20, it-tielet edizz. Para 551.
[18] Aubry et Rau t. IV p. 767 para. 447.

45. Kemm skont il-liġijiet ta' Franza u l-Italja kif ukoll dik Maltija, il-ġenituri mhumiex responsabbli minħabba t-tort ta' wliedhom imma responsabbli **tal-ħtija tagħhom stess** li ma żammux il-fatt ta' wliedhom milli jsir. Il-liġi ma tgħidx kif il-ġenituri jkunu f'qagħda li ma jistgħux iżommu l-fatt milli jsir. Mhux defenita x'inhi l-impossibilità f'dan ir-rigward; tħalliha fid-diskrezzjoni tal-imħallef fl-ambitu tal-isfera tal-apprezzament tiegħu. Proprjament biex il-fatt ma jitħalliex iseħħ jinħtieġ sorveljanza kontinwa, f'kull ħin u kull mument – li hija ħaġa impossibbli. Mill-banda l-oħra, l-assenza tal-ġenituri meta jseħħ il-fatt mhix biżżejjed biex teżonerahom mir-responsabbiltà. Kollox jiddependi fuq l-apprezzament tal-fatti li jvarja minn każ għall-ieħor.

46. Jekk il-ġenituri ma jkunux fiżikament preżenti meta jseħħ il-fatt illeċitu, jittieħdu in kunsiderazzjoni r-rwol edukattiv tagħhom fil-kuntest tal-età, il-personalità u l-kundizzjonijiet ambjentali li fihom jitrabba l-minuri, u fl-aħħarnett il-possibilità konkreta tal-ġenitur li jevita l-inċident. Jitqies x'kienet fil-każ konkret il-kondotta tal-ġenitur.

47. Għalkemm immudellata fuq il-kodiċi ta' Napuljun, il-liġi Maltija fir-rigward tar-responsabbiltà indiretta għall-aġir illeċitu tal-minuri hija eqreb lejn il-*common law* Ingliża, fejn kuntrarjament għal-leġiżlazzjonijiet fl-Ewropa kontinentali **mhemmx preżunzjoni ta' ħtija tal-ġenitur**:

> *"A parent or guardian **is not in general liable for the torts of a child**, but to this there are two exceptions... Secondly, the parent will be liable if the child's tort is due to the **parent's negligent control of the child** in respect of the act that caused the injury.*[19]"

48. Għalhekk l-ewwel aggravju huwa ġġustifikat.

**It-tieni aggravju**

49. Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-proċess u, mir-rassenja tal-fatti li għamlet fl-ewwel parti ta' din is-sentenza, ma sabet l-ebda prova li l-ġenituri b'xi mod ikkontribwew għall-istat mentali li sabet ruħha fih binthom. Min-naħa l-oħra, jirriżulta mix-xhieda tat-tobba nvoluti, kif ukoll mill-espert tal-Qorti, li hekk kif tfaċċat il-kundizzjoni ta' binthom, ħaduha għand l-ispeċjalisti kompetenti biex tieħu l-kura, u li kkoperaw bis-sħiħ mat-tobba. Meta bdiet tingħata l-*leave* mill-isptar Monte Carmeli, żammewha taħt għajnejhom id-dar. Meta t-tobba raw li l-kundizzjoni tagħha tjiebet sewwa u tawha r-*release*, taw parir lill-ġenituri biex iħalluha tissoċjalizza bħala parti essenzjali mill-kura. Hekk għamlu. Ħallewha toħroġ mal-ħbieb u ma' *boyfriend.* Tassew li ma kinux jafu mill-qrib lill-ħbieb u lill-*boyfriend*. Il-ħbieb iżda kienu jafu li kienu studenti fl-iskola tagħha. Il-missier kellu n-numru tal-mobajl tal-*boyfriend* għalkemm qatt ma kien iltaqa' miegħu. Ma jirriżultax li l-*boyfriend* ma kienx tal-affari tiegħu. It-tobba ma kinux kontra li jkollha *boyfriend*. Il-

[19] W.V.H Rogers, - Winfield & Jolowicz on Tort 18th Edition |(2010) para. 24-18, page 1118. (L'hekk imsejħa *vicarious liability*).

ġenituri ma telqux lil binthom għal rasha. Xorta żammew kontroll mill-bogħod għax kienu jordnaw lil binthom tidħol lura d-dar mhux iktar tard mill-għaxra ta' filgħaxija. Mhux sempliċiment kienu jordnaw, imma kienu attivament jassikuraw li tagħmel hekk anke billi jmorru għaliha huma stess bil-karozza tagħhom. Ħin tassew bikri bl-i*standards* tal-lum, meta ż-żgħażagħ jitħallew jiġġerrew barra ljieli sħaħ.

50. Tassew li Graziabelle kienet għadha fraġli iżda biex tirkupra kien hemm bżonn li titħalla f'ċerta libertà, anke jekk dan ma kienx mingħajr il-periklu tiegħu. Kien sogru kkalkulat li kellu jittieħed bilfors fl-interess tat-tifla.

51. Jgħodd għal dan il-każ, *mutatis mutandis,* dak li ġie ritenut fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana:

> *"… il rigore dei giudici e` sembrato attenuarsi in alcune decisioni in cui si e` affermato che, a mano a mano che l'opera educativa dei genitori si perfeziona, consentendo il corretto inserimento del minore nella vita di relazione, si attenua il correlattivo obbligo di vigilanza (C 94/5063, C 88/2738). I giudici di legittimita`, pronunciandosi in favore di due genitori convenuti in giudizio per il risarcimento dei danni cagionati dal figlio quasi maggiorenne, hanno precisato che non occorre che i genitori dimostrino la propria costante ed ininterrotta presenza fisica accanto al figlio, quando per l'educazione impartita, per l'eta`, per l'ambiente in cui viene lasciato libero di esprimersi, risultino correttamente impostati i rapporti del minore con la realta` extrafamigliare facendo ragionevolmente presumere che tali rapporti non possano costituire fonte di pericolo per se e per altri* (C06/83).[20]"

52. Barra minn hekk, kienx raġonevolment prevedibbli li sejra

---

[20] Breviaria Iuris, Commentario breve al Codice Civile, fondata da G. Cian & A. Trabucchi, 13a ediz. a cura di Giorgio Cian (2018), ġurisprudenza dwar Art. 2048 Kodiċi Ċivili Taljan, paġna 2048, it-tieni kolonna.

tweġġa' lil ħaddieħor. Il-periklu li l-konvenuti. kellhom jantiċipaw ma kienx periklu lil terzi, daqskemm periklu għal binthom. Ma kinitx tfajla vjolenti. Ma kinitx qiegħda ġġorr xi arma. Ma kinitx qiegħda ssuq xi vettura mingħajr liċenzja. Il-ġenituri osservaw li binthom kienet qiegħda taġixxi b'mod normali. Ma basrux li kienet se tagħmel dak li għamlet. Kif diġà osservat din il-Qorti, il-liġi trid li jeżerċitaw il-grad ta' diliġenza tal-*bonus paterfamilias* (Art. 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili), u mhux grad ogħla. Ma tesiġix diliġenza iktar milli l-ġenituri huma kapaċi. Huwa negliġenti min ma jarax dak li hu prevedibbli. Il-prevedibbilità trid tkun ta' probabilitajiet raġonevoli mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili.[21]

53. L-inċident fih innifsu huwa wieħed ferm insolitu u għal daqshekk biss ukoll ma kienx previdibbli. Qajla jista' jingħad li messhom żammew lil binthom fil-preżenza tagħhom biex l-inċident ma jiġrix. Huma kienu qegħdin iħalluha waħedha għal xi ħin biex tkun tista' tfieq mill-kundizzjoni medika li kellha, u dan fuq il-parir tat-tobba esperti. Dak li sfortunatament seħħ kien barra mill-isfera tal-viġilanza tagħhom.

54. L-attriċi ma wrietx fejn naqsu l-ġenituri u x'messhom għamlu dakinhar tal-inċident, għajr li jorbtu lil binthom biċ-ċinga.

[21] Francis Coleiro v. Carmelo Cassar 24.04.1964 Appell Ċivili. Vol XLVIII.i.258.

55. Għalhekk din il-Qorti ma tistax raġonevolment tasal għall-istess konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti li l-ġenituri ma qdewx l-obbligi tagħhom skont il-liġi.

56. Dan l-aggravju huwa siewi.

57. *In vista* tas-suespost, din il-Qorti m'hemmx għalfejn teżamina l-aggravji dwar kif ġew likwidati d-danni.

***Decide***

58. Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' l-aggravji fuq imsemmija, tbiddel is-sentenza tal-Ewwel Qorti billi tiċħad it-talbiet tal-attriċi fil-konfront tal-appellanti.

Spejjeż tal-ewwel istanza u ta' dan l-appell fejn jikkonċernaw lill-appellanti a karigu tal-attriċi appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss